MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2006

Numru 1138/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR KEVIN BORG**

**VS**

**SIMON FARRUGIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Simon Farrugia, ta’ 28 sena, bin Mario u Grace nee’ Fenech, imwieled il-Gudja, nhar it-22 ta’ Gunju, 1977, u residenti fil-fond bl-isem MarGrace, 25, Triq il-Palma, Gudja, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 319 277 (M);

Akkuzat talli l-14 ta’ Dicembru, 2005, u fil-granet ta’ qabel, gewwa l-hanut bl-isem ta’ *Talkies,* Telghet Zonqor, Marsascala, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi

zminijiet differenti u li jiskru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghall-bejgh, jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe' DVDs, u dan bi ksur tal-Artikolu 298(1)(f), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor ipproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex iqassam xi artiklu jew xi haga ohra, u cioe' DVDs, bi ksur ta' jheddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra, u cioe' *Twentieth Century Fox Film Corporation* u socjetajiet ohra, li taghhom is-socjeta' *Patrick J Galea Advocates* rapprezentata minn Dr Patrick J Galea LL.D., et hija rappresentanti, protetti bil jew taht il-Ligi ta' Malta, u dan bi ksur tal-Artikolu 298B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat l-Artikoli 298(1)(f) u l-Artikolu 298B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat, fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu;

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi mputat Simon Farrugia hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, u dan *ai termini* tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

*Inoltre* din il-Qorti qed tikkundanna lill-istess Simon Farrugia ghal hlas ta' multa fl-ammont ta' hamsin liri maltin (Lm50.00).

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------